



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2011/0276(COD)

21.3.2012

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 (COM(2011)0615 – C7-0335/2011 – 2011/0276(COD))

Rapporteur: Nikolaos Chountis

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fid-dawl tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali ġdid li ttabbar għall-perjodu mill-2014-2020 u "tar-Regolament Intelliġenti", il-Kummissjoni qiegħda tipproponi regolament ġdid li jissimplifika r-regoli dwar fondi. Hija tosserva li d-diversità u l-frammentazzjoni tar-regoli li jirregolaw il-programmi tal-infiq għall-perjodu attwali huma perċepiti bħala kkumplikati u diffiċli biex jiġu ġestiti u kkontrollati. Hija tinnota wkoll li l-fondi jsegwu objettivi ta' politika komplementari u li l-effettività tagħhom tista' għalhekk tiġi massimizzata permezz tal-koordinazzjoni tagħha soġġetta għal sett komuni ta' regoli u ħtiġiet bażiċi.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tiġi f'mument partikolarment sensitiv, minħabba l-impatt serju tal-kriżi ekonomika u finanzjarja fuq it-tkabbir, f'ħafna Stati Membri, u l-effetti diżastrużi tagħha f'termini soċjali. Ħafna Stati Membri qegħdin jiġu milquta minn riċessjoni u t-thallil tan-nisġa soċjali tagħhom, filwaqt li l-qgħad u l-faqar qegħdin jiżdiedu fl-UE kollha.

Dan kellu impatt enormi fuq ir-reġjuni Ewropej, fejn minn banda aggrava l-inugwaljanzi eżistenti u mill-banda l-oħra żied żbilanċi ulterjuri. F'dan il-kuntest, il-politiki ta' koeżjoni u reġjonali għandhom rwol vitali.

Il-kriżi finanzjarja, flimkien ma' pressjoni akbar fuq il-baġits tal-Istati Membri, tfisser li l-finanzjament nazzjonali għall-implimentazzjoni tal-programmi Ewropej u tal-proġetti produttivi ta' investiment pubbliku, huwa limitat. Għaldaqstant, il-fondi jipprovdu l-finanzjament meħtieġ għall-proġetti u jistgħu jagħmlu kontribut kbir għall-irkupru ekonomiku fl-Istati Membri affettwati mill-kriżi u jgħinu biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi soċjali.

Miżuri biex tiżdied l-iskala, l-effettività u l-flessibilità ta' operazzjonijiet ta' finanzjament jistgħu jgħinu biex isostnu dawk l-attivitajiet li jiġġeneraw tkabbir ekonomiku u jipromwovu politiki mfassla biex jilhqqu impjieġ għal kulħadd, u b'hekk jitnaqqas in-numru ta' dawk qgħada.

Ir-rapporteur huwa tal-fehma li l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni għal fondi li jipprovdu sostenn skont il-politika ta' koeżjoni tista', soġġetta għal ċerti kundizzjonijiet, tgħin biex l-effettività tagħhom tiżdied u tiżgura użu ottimali ta' finanzjament.

Madanakollu, huwa ma jaqbilx mal-proposta tal-Kummissjoni li l-politika ta' koeżjoni, flimkien mal-għanijiet u l-finanzjament tagħha, għandha tiġi inkluża taħt il-perjodu fit-tul tal-Istrateġija Ewropa 2020, billi iqis li dan ixekkel u jimmina l-iskop veru tagħha. Il-politika ta' koeżjoni hija maħsuba biex tiżgura tkabbir ibbilanċjat u armonjuż fl-Istati Membri, bil-ħsieb li tinkiseb koeżjoni ekonomika u soċjali ġenwina. Madanakollu, il-politiki segwiti sal-lum il-ġurnata skont l-Istrateġija Ewropa 2020 qegħdin, għall-kuntrarju, jaggravaw il-konsegwenzi tal-kriżi u jżidu l-inugwaljanzi soċjali, il-qgħad u l-faqar.

Ir-rapporteur jiċħad ukoll kull attentat li tiġi stabbilita rabta bejn il-politika ta' koeżjoni u l-fondi relatati, fuq naħa, u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, il-governanza ekonomika u kwalunkwe konverġenza ekonomika u finanzjarja bejn l-Istati Membri, fuq in-naħa l-oħra. Huwa tal-fehma li l-politika ta' koeżjoni ma għandhiex tkun marbuta mal-kapaċità tal-Istati

Membri li jimplimentaw politiki alternattivi ekonomiċi anti-ċikliċi u li l-finanzjament għar-reġjuni Ewropej ma għandux jiddependi fuq il-konformità mal-obiettivi makroekonomiċi imposti mill-politiki ekonomiċi tal-UE. Li l-Istati Membri ikunu penalizzati mhux se jżid l-effettività tal-politika ta' koeżjoni u d-differiment tal-ħlasijiet se jagħti daqqa qawwija għall-Istati Membri riċevituri li jinsabu f'diffikultà.

Huwa jilqa' l-proposta biex il-finanzjament għal dawk l-Istati Membri li jinsabu f'diffikultà finanzjarja, jiżdied b'10%, . Huwa jemmen li l-implimentazzjoni immedjata ta' din iż-żieda u l-aġġornament tal-proċeduri ta' finanzjament se jgħinu fl-implimentazzjoni ta' proġetti maħsuba biex jiżguraw żvilupp sostenibbli u impjieġ għal kulħadd.

Fl-aħħarnett, huwa jqis li l-eliġibbiltà għal finanzjament għandha tkun ibbażata fuq it-tkabbir reali u mhux biss fuq l-espansjoni ekonomika u għaldaqstant jirrakkomanda l-użu ta' indikaturi flimkien mal-PGD biex jiġi żgurat li jitqiesu wkoll fatturi oħra ekonomiċi, soċjali u ambjentali.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jstieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) Il-kriżi ekonomika u finanzjarja affettwat b'mod ħażin ħafna lill-Istati Membri u liċ-ċittadini tagħhom u kellha impatt kbir fuq ir-reġjuni Ewropej kollha. Ħafna Stati Membri qegħdin jiġu affettwati minn riċessjoni ekonomika u deterjorament tal-kundizzjonijiet soċjali, filwaqt li fl-istess ħin il-qgħad qiegħed jilħaq livelli rekord. Dan qed iwassal għal inugwaljanzi ġodda bejn ir-reġjuni f'termini ta' tkabbir u l-aggravament tal-inugwaljanzi eżistenti. F'dan il-kuntest, il-politika ta' koeżjoni tissodisfa fini partikolarment importanti, u tagħmel kontribut deċiżiv biex tistimola l-ekonomija, tippromwovi t-tkabbir sostenibbli u ċċekken l-inugwaljanzi soċjali. Minħabba li kriżi se żżid il-

pressjoni fuq ir-riżorsi finanzjarji nazzjonali, il-Fondi CSF jipprovdu r-riżorsi essenzjali biex jiġu indirizzati. L-konsegwenzi tal-kriżi Għalhekk jeħtieġ li tiġi introdotta aktar flessibilità fil-miżuri tal-politika ta' koeżjoni u l-użu tal-Fondi CSF jiġi massimizzat u ottimizzat.

Or. el

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3b) Il-politika ta' Koeżjoni u l-objettivi tagħha u l-Fondi CSF ma għandhomx jiġu inklużi fl-Istrateġija Ewropa 2020. Il-politika ta' koeżjoni kienet maħsuba biex tiżgura tkabbir ibbilanċjat u armonjuż fl-Istati Membri u mhux biex tikkomplimenta l-politiki makroekonomiċi tal-UE. Barra minn hekk, l-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020 u l-miżuri li ttieħdu fil-kuntest tagħha taw prova li mhumiex effettivi biex jindirizzaw il-kriżi u fil-fatt aggravaw l-impatt negattiv tagħha, b'żieda fil-qgħad u fil-faqar. Il-politika ta' koeżjoni għandha ssostni politiki ta' tkabbir alternattivi li jfittxu konverġenza ġenwina u tkabbir sostenibbli. Il-miżuri li ttieħdu f'dan il-kuntest għandhom jipromwovu s-solidarjetà, il-ħolqien tal-impjiegi u l-impjieg fit-tul, il-fornitura ta' servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja, il-ġustizzja ambjentali u t-tnaqqis tal-qgħad u tal-esklużjoni soċjali.

Or. el

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19) Il-fatt li tiġi stabbilita rabta bejn il-politika ta' koeżjoni u l-governanza ekonomika tal-Unjoni jiżgura li l-effikaċja tan-nefqa taħt il-Fondi tal-QSK tintrifed minn politiki ekonomiċi sodi u l-fondi tal-QSK jkunu jistgħu, jekk meħtieġ, jintużaw b'mod ieħor li jindirizza l-problemi ekonomiċi li l-pajjiż ikun qiegħed iħabbat wiċċu magħhom. Dan il-proċess għandu jkun wieħed gradwali, u jibda b'emendi għall-Kuntratt ta' Sħubija u għall-programmi li jappoġġjaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill għall-indirzzar ta' żbilanċi makroekonomiċi u diffikultajiet ekonomiċi. Fejn, minkejja l-użu mtejjeb tal-fondi tal-QSK, Stat Membru jonqos milli jieħu azzjoni effettiva fil-kuntest tal-proċess ta' governanza ekonomika, il-Kummissjoni għandu jkollha d-dritt li tissospendi l-ħlas u l-impenji kollha jew parti minnhom. Id-deċiżjonijiet dwar is-sospensjonijiet għandhom ikunu proporzjonali u effettivi, u jqisu l-impatt tal-programmi individwali għall-indirzzar tas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali tal-Istat Membru relevanti u emendi preċedenti għall-Kuntratt ta' Sħubija. Fid-deċiżjoni tagħha dwar is-sospensjonijiet, il-Kummissjoni għandha tirrispetta wkoll it-trattament ugwali bejn l-Istati Membri, u tqis b'mod partikolari l-impatt tas-sospensjoni fuq l-ekonomija tal-Istat Membru kkonċernat. Is-sospensjonijiet għandhom jitneħħew u l-fondi jerġgħu jsiru disponibbli għall-Istat Membru kkonċernat minnufih hekk kif l-Istat Membru jieħu l-azzjoni meħteġa.

imħassar

Or. el

Ġustifikazzjoni

Kull sforz biex tiġi stabbilita rabta bejn il-politika ta' koeżjoni u l-fondi relatati fuq naħa, u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, il-governanza ekonomika u kwalunkwe konverġenza ekonomika u finanzjarja bejn l-Istati Membri, fuq in-naħa l-oħra, huwa inammissibbli. L-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet makroekonomiċi mhijiex konformi kemm mal-għanijiet imħabbra u l-iskop reali tal-politika ta' koeżjoni.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 19 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19a) Il-politika ta' koeżjoni la għandha tkun marbuta mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u lanqas mal-pakkett ta' governanza ekonomika, u dan jagħmilha aktar stretta. Il-punti ta' tluq huma inevitabilment differenti u l-objettivi tagħhom diametrikament opposti. L-iskop tal-politika ta' koeżjoni mhuwiex li jiġu imponuti kundizzjonijiet makroekonomiċi u finanzjarji strinġenti li jesiġu miżuri ta' awsterità jew li tippenalizza lill-Istati Membri. Għall-kuntrarju, il-politika ta' koeżjoni hija mfassla biex jitnaqqsu u jiġu rimedjati l-inugwaljanzi u l-problemi li jinqalgħu mill-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' ekonomija tas-suq fir-reġjuni Ewropej, u b'hekk tgħin biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi f'termini ta' tkabbir fl-Istati Membri u tippromwovi koeżjoni ekonomika u soċjali, bil-ħsieb li tinkiseb konverġenza ġenwina.

Or. el

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 22 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(22a) Permezz taż-żieda ta' 10% f'approprjazzjonijiet tal-Fond CSF għall-Istati Membri li qegħdin jiffaċċjaw problemi finanzjarji u jirċievu assistenza ekonomika, flimkien mal-possibbiltà li jiġu emendati u aġġornati programmi operattivi jekk l-awtoritajiet tal-Istati Membri jew lokali u reġjonali jqisu li dan huwa neċessarju, il-Fondi CSF se jkunu jistgħu jiġu mobilizzati b'mod aktar flessibbli bil-ħsieb li jstimulaw l-ekonomiji tal-Istati Membri affettwati mill-kriżi u jindirizzaw l-inugwaljanzi soċjali.

Or. el

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 55 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(55a) Il-kriżi ekonomika u finanzjarja kixfet l-inadegwatezza tal-PGD bħala l-uniku indikatur ta' eliġibbiltà għall-għajjnuna mill-Fondi CSF. Jeħtieġ li jiġu evalwati b'mod aktar preċiż il-livelli ta' żvilupp reali tar-reġjuni Ewropej u l-kontribuzzjoni li l-Istati Membri jistgħu jagħmlu għall-implimentazzjoni tal-proġetti sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni aktar xierqa u ġusta ta' finanzjament lill-Istati Membri. Għal din ir-raġuni jitqies li l-indikaturi addizzjonali għandhom jiġu introdotti b'urġenza.

Or. el

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 85

Test propost mill-Kummissjoni

(85) Sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u jiġu pprovduti l-mezzi li jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tal-programmi, għandu jkun hemm miżuri li jippermettu s-sospensjoni mill-Kummissjoni ta' ħlasijiet fil-livell ta' assi prijoritarju jew programm operazzjonali.

Emenda

(85) Sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u jiġu pprovduti l-mezzi li jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tal-programmi, għandu jkun hemm miżuri li jippermettu s-sospensjoni mill-Kummissjoni ta' ħlasijiet fil-livell ta' assi prijoritarju jew programm operazzjonali. ***Deċiżjonijiet għas-sospensjoni tal-ħlasijiet ma għandhomx ikunu marbuta mal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri iżda biss mal-identifikar ta' ksur serju fis-sistema għall-ġestjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-proġetti u ma' irregolaritajiet fl-infiq, li fir-rigward tagħhom l-Istati Membri naqsu milli jieħdu miżuri korrettivi.***

Or. el

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 90

Test propost mill-Kummissjoni

(90) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, fir-rigward tal-Fondi kollha tal-QSK, deċiżjonijiet li japprovaw il-Kuntratti ta' Sħubija, deċiżjonijiet li jallokaw ir-riżerva għall-prestazzjoni, ***deċiżjonijiet li jissospendu l-ħlasijiet marbuta mal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri***, u, fil-każ ta' diżimpenn, deċiżjonijiet li jemendaw programmi li jadottaw deċiżjonijiet; u fir-riward tal-

Emenda

(90) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, fir-rigward tal-Fondi kollha tal-QSK, deċiżjonijiet li japprovaw il-Kuntratti ta' Sħubija, deċiżjonijiet li jallokaw ir-riżerva għall-prestazzjoni, deċiżjonijiet li jissospendu l-ħlasijiet marbuta mal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri, u, fil-każ ta' diżimpenn, deċiżjonijiet li jemendaw programmi li jadottaw deċiżjonijiet; u fir-riward tal-

Fondi, deċiżjonijiet li jidentifikaw reġjuni u Stati Membri li jissodisfaw il-kriterji tal-Investment għat-tkabbir u l-impjiegi, deċiżjonijiet li jistipulaw rendikont dettaljat annwali tal-appropriazzjonijiet ta' impenn għall-Istati Membri, deċiżjonijiet li jistipulaw l-ammont li għandu jiġi ttrasferit mill-FK ta' kull Stat Membru għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, deċiżjonijiet li jistipulaw l-ammont li għandu jiġi ttrasferit mill-Fondi Strutturali ta' kull Stat Membru allokati għall-għajjnuna tal-ikel għan-nies fil-bżonn, deċiżjonijiet li jadottaw u jemendaw programmi operazzjonali, deċiżjonijiet dwar proġetti maġġuri, deċiżjonijiet dwar pjanijiet ta' azzjoni konġunta, deċiżjonijiet li jissospendu ħlasijiet u deċiżjonijiet dwar korrezzjonijiet finanzjarji.

Fondi, deċiżjonijiet li jidentifikaw reġjuni u Stati Membri li jissodisfaw il-kriterji tal-Investment għat-tkabbir u l-impjiegi, deċiżjonijiet li jistipulaw rendikont dettaljat annwali tal-appropriazzjonijiet ta' impenn għall-Istati Membri, deċiżjonijiet li jistipulaw l-ammont li għandu jiġi ttrasferit mill-FK ta' kull Stat Membru għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, deċiżjonijiet li jistipulaw l-ammont li għandu jiġi ttrasferit mill-Fondi Strutturali ta' kull Stat Membru allokati għall-għajjnuna tal-ikel għan-nies fil-bżonn, deċiżjonijiet li jadottaw u jemendaw programmi operazzjonali, deċiżjonijiet dwar proġetti maġġuri, deċiżjonijiet dwar pjanijiet ta' azzjoni konġunta, deċiżjonijiet li jissospendu ħlasijiet u deċiżjonijiet dwar korrezzjonijiet finanzjarji.

Or. el

Ġustifikazzjoni

L-impożizzjoni ta' konformità mal-kundizzjonijiet makroekonomiċi la hija konformi mal-oġettivi pproklamati u lanqas mal-iskop reali tal-politika ta' koeżjoni. Il-finanzjament għar-reġjuni Ewropej ma jistgħux ikunu sospiżi għal non-konformità minn ċerti Stati Membri b'oġettivi makroekonomiċi u finanzjarji.

Emenda 9

Proposta għal regolament Artikolu 21

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 21

Kondizzjonalità marbuta mal-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri

1. Il-Kummissjoni għandha titlob lil xi Stat Membru biex janalizza u jipproponi emendi għall-Kuntratt ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu, fejn dan ikun meħtieġ:

Emenda

imħassar

(a) għall-appoġġ tal-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjoni, indirizzata lill-Istat Membru kkonċernat u adottat skont l-Artikoli 121(2) u/jew 148(4) tat-Trattat, jew għall-appoġġ tal-miżuri ta' implimentazzjoni indirizzati lill-Istat Membru kkonċernat u adottat skont l-Artikolu 136(1) tat-Trattat;

(b) għall-appoġġ tal-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill indirizzata lill-Istat Membru kkonċernat u adottat skont l-Artikolu 126(7) tat-Trattat;

(c) għall-appoġġ tal-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill indirizzata lill-Istat Membru kkonċernat u adottata skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru .../2011 [dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi], sakemm dawn l-emendi jitqiesu meħtieġa biex jgħinu fil-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi;

(d) għall-immassimizzar tal-impatt tat-tkabbir u l-kompetittività tal-Fond tal-QSK disponibbli skont il-paragrafu 4, jekk Stat Membru jissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) Assistenza finanzjarja tal-Unjoni tingħatalu skont ir-Regolament (UE) No 407/2010;

(ii) assistenza finanzjarja fuq terminu medju tingħatalu skont ir-Regolament (KE) Nru 332/2002;

(iii) assistenza finanzjarja fis-sura ta' għoti b'self mill-MES tingħatalu skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà.

2. L-Istat Membru għandu jressaq proposta biex isiru emendi fuq il-Kuntratt ta' Sħubija u l-programmi rilevanti fi żmien xahar. Jekk meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tagħmel kummenti fi żmien xahar minn meta jitressqu l-emendi, u f'dan il-każ l-Istat Membru għandu jerġa' jressaq il-proposta tiegħu fi

żmien xahar.

3. Fejn il-Kummissjoni ma tkunx għamlet kummenti jew fejn il-kummenti tagħha jkunu ġew ikkunsidrati b'mod xieraq, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li tapprova l-emendi għall-Kuntratt ta' Sħubija u l-programmi rilevanti mingħajr dewmien żejjed.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn l-assistenza finanzjarja tingħata lil Stat Membru skont il-paragrafu 1(d) u tkun marbuta ma' programm ta' aġġustament, il-Kummissjoni tista', mingħajr ebda propsota mill-Istat Membru, temenda l-Kuntratt ta' Sħubija u l-programmi bil-għan tal-immassimizzar tal-impatt tat-tkabbir u l-kompetittività tal-Fondi tal-QSK disponibbli. Biex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-Kuntratt ta' Sħubija u l-programmi rilevanti, il-Kummissjoni għandha tinvolvi ruħha fil-ġestjoni kif inhu spjegat fil-programm ta' aġġustament jew fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni ffirmat mill-Istat Membru kkonċernat.

5. Fejn l-Istat Membru jonqos milli jwieġeb għat-talba tal-Kummissjoni li hija msemmija fil-paragrafu 1, jew ma jwieġibx b'mod xieraq fi żmien xahar għall-kummenti tal-Kummissjoni li huma msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni tista', fi żmien tliet xhur minn meta tagħmel il-kummenti, tadotta deċiżjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li tissospendi parti mill-ammont jew l-ammont kollu tal-ħlasijiet għall-programmi kkonċernati.

6. Il-Kummissjoni għandha tissospendi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, parti mill-ammont jew l-ammont kollu tal-ħlasijiet u l-impenji għall-programmi kkonċernati fejn:

(a) il-Kunsill jiddeċiedi li l-Istat Membru ma jikkonformax ma' miżuri speċifiċi stabbiliti mill-Kunsill skont l-Artikolu

136(1) tat-Trattat;

(b) il-Kunsill jiddeċiedi, skont l-Artikolu 126(8) jew l-Artikolu 126(11) tat-Trattat, li l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx ħa azzjoni effettiva biex jirringa d-defiċit eċċessiv tiegħu;

(c) il-Kunsill jikkonkludi, skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru [...] /2011 [dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi] li, f'żewġ ċirkostanzi suċċessivi, l-Istat Membru ma jkunx ressaq pjan ta' azzjoni korrettiva suffiċjenti jew il-Kunsill jadotta deċiżjoni fejn jiddikjara nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 10(4) ta' dak ir-Regolament;

(d) il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Istat Membru ma jkunx ħa miżuri biex jimplementa l-programm ta' aġġustament imsemmi fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 jew ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 u b'konsegwenza ta' dan tiddeċiedi li ma tawtorizzax il-ħlas tal-assistenza finanzjarja lil dan l-Istat Membru; jew

(e) il-Bord tad-Diretturi tal-mekkaniżmu Ewropew ta' stabbiltà jikkonkludi li l-kundizzjonalità marbuta mal-assistenza finanzjarja tal-MES fis-sura ta' għoti b'self mill-MES lill-Istat Membru kkonċernat ma tkunx ġiet issodisfatta u b'konsegwenza ta' dan jiddeċiedi li ma jħallasx l-appoġġ ta' stabbiltà li jkun ġie allokat.

7. Fid-deċiżjoni ta' sospensjoni ta' parti mill-ammont jew tal-ammont kollu tal-ħlasijiet jew impenji skont il-paragrafu 5 u 6 rispettivament, il-Kummissjoni għandha tiżgura li s-sospensjoni tkun proporzjonali u effettiva, b'kunsiderazzjoni għaċ-ċirkostanzi ekonomiċi u soċjali tal-Istat Membru kkonċernat, partikolarment fir-rigward tal-ugwaljanza fit-trattament bejn l-Istati Membri, u partikolarment fir-rigward tal-impatt tas-sospensjoni fuq l-ekonomija

tal-Istat Membru kkonċernat.

8. Il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tneħħi s-sospensjoni fuq il-ħlasijiet u l-impenji meta Stat Membru jipproponi emendi għall-Kuntratt ta' Sħubija u l-programmi rilevanti kif jintalab mill-Kummissjoni, li tkun approvathom u, fejn applikabbli:

(a) il-Kunsill ikun iddeċieda li l-Istat Membru jikkonforma ma' miżuri speċifiċi stabbiliti mill-Kunsill skont l-Artikolu 136(1) tat-Trattat;

(b) il-proċedura ta' defiċit eċċessiv tinżamm pendent skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 jew il-Kunsill jiddeċiedi li, skont l-Artikolu 126(12) tat-Trattat li jabroga d-deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv;

(c) il-Kunsill ikun approva pjan ta' azzjoni korrettiva mressaq mill-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru [...] [fir-Regolament tal-EIP] jew il-proċedura dwar żbilanċ eċċessiv tiġi sospiża skont l-Artikolu 10(5) ta' dak ir-Regolament jew il-Kunsill ikun għalaq il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv skont l-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament;

(d) il-Kummissjoni tkun ikkonkludiet li l-Istat Membru ma jkunx ħa miżuri biex jimplementa l-programm ta' aġġustament imsemmi fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 jew ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 u b'konsegwenza ta' dan tiddeċiedi li tawtorizza l-ħlas tal-assistenza finanzjarja lil dan l-Istat Membru;

(e) il-Bord tad-Diretturi tal-mekkaniżmu Ewropew ta' stabbiltà jkun ikkonkluda li l-kundizzjonalità marbuta mal-assistenza finanzjarja tal-MES fis-sura ta' għoti b'self mill-MES lill-Istat Membru kkonċernat ma tkun ġiet issodisfatta u b'konsegwenza ta' dan jiddeċiedi li jħallas

L-appoġġ ta' stabbiltà li jkun ġie allokat.

Fl-istess ħin, il-Kunsill għandu jiddeċiedi, fuq proposta mill-Kummissjoni, li jerġa' jipprova l-baġit tal-impenji sospiżi skont l-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru [...] li jstabilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014 sa 2020.

Or. el

Ġustifikazzjoni

Huwa inaċċettabbli li tiġi stabbilita rabta bejn il-politika ta' koeżjoni u l-Fondi relatati, fuq naħa, u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, il-governanza ekonomika u kwalunkwe konverġenza ekonomika u finanzjarja bejn l-Istati Membri, fuq in-naħa l-oħra. Il-finanzjament għar-reġjuni Ewropej ma jistgħux ikunu sospiżi għal non-konformità minn ċerti Stati Membri b'objettivi makroekonomiċi u finanzjarji. L-għan tal-politika ta' koeżjoni hija li tiżgura tkabbir bilanċjat u telimina l-inugwaljanzi. Is-sospensjoni tal-finanzjament għall-Istati Membri li qegħdin jaffaċċjaw diffikultajiet se tagħmel is-sitwazzjoni aġġar.

Emenda 10

Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Iż-żieda fil-ħlasijiet interim għandha ssir disponibbli għall-awtorità ta' ġestjoni mill-aktar fis possibbli, fejn ikun żgurat l-użu sħiħ trasparenti tiegħu biex isiru l-ħlasijiet għall-implimentazzjoni tal-programm operattiv.

Or. el

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi żgurat li l-finanzjament jiżdied immedjatament u b'mod effettiv, il-proċedura għaż-żieda fil-ħlasijiet interim għandha tiegħu l-anqas żmien possibbli, filwaqt li l-awtoritajiet tal-Istati Membri li jiltaqgħu ma' diffikultajiet finanzjarji temporanji għandhom jirċievu tali ħlasijiet malajr kemm jista' jkun.

Emenda 11

Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Fuq l-inizjattiva tal-Istat Membru jew tal-Kummissjoni u bi ftehim mal-Istat Membru kkonċernat u mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, il-programmi operattivi jistgħu jiġu eżaminati mill-ġdid u, jekk ikun meħtieġ, il-bqija tal-programm aġġustat f'wieħed jew aktar mill-każijiet li ġejjin:

(a) wara bidliet soċjo-ekonomiċi kbar;

(b) sabiex jitqiesu b'mod aktar effettiv jew b'mod differenti l-bidliet ewlenin fil-prijoritajiet nazzjonali jew reġjonali tal-UE;

(c) jekk jitqajmu diffikultajiet fl-implimentazzjoni.

Or. el

Ġustifikazzjoni

Jitqies importanti ħafna li ssir referenza diretta fil-bidu tal-Artikolu 26 tar-regolament il-ġdid li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni rigward il-fondi, għall-possibbiltà li jiġu emendati programmi operattivi u r-raġunijiet għal dan skont l-Artikolu 33 tar-Regolament 1028/2006, li għandu jthassar, u sussegwentement biex tiġi segwita l-proċedura stabbilita.

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 134 – paragrafu 1 – sub-paragrafu e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) l-Istat Membru jkun naqas milli jieħu l-azzjonijiet stipulati fil-programm operazzjonali fir-rigward tas-sodisfazzjoni tal-kundizzjonijiet ex ante;

imħassar

Or. el

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni għandu jkollha l-għażla li tissospendi l-ħlasijiet interim kollha jew parti minnhom biss f'każ tal-ksur maġġuri ta' proċeduri ta' ġestjoni u kontroll jew irregolaritajiet serji fl-infiq.

Emenda 13

Proposta għal regolament

Artikolu 134 – paragrafu 1 – sub-paragrafu f

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f) minn reviżjoni ta' prestazzjoni **imħassar**
jirriżultaw provi li f'xi assi ta' prijorità ma
ntlaħqux l-istadji importanti stipulati fil-
qafas ta' prestazzjoni;

Or. el

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni għandu jkollha l-għażla li tissospendi l-ħlasijiet interim kollha jew parti minnhom biss f'każ tal-ksur maġġuri ta' proċeduri ta' ġestjoni u kontroll jew irregolaritajiet serji fl-infiq.

Emenda 14

Proposta għal regolament

Artikolu 134 – paragrafu 1 – sub-paragrafu g

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(g) l-Istat Membru jonqos milli jirrispondi **imħassar**
jew ma jirrispondix b'mod sodisfaċenti
skont l-Artikolu 20(3);

Or. el

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni għandu jkollha l-għażla li tissospendi l-ħlasijiet interim kollha jew parti minnhom biss f'każ tal-ksur maġġuri ta' proċeduri ta' ġestjoni u kontroll jew irregolaritajiet serji fl-infiq.

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 134 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, permezz ta' atti implimentattivi, li tissospendi l-ħlasijiet interim kollha jew parti minnhom, wara li tkun tat l-opportunità lill-Istat Membru biex jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu.

imħassar

Or. el

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni għandu jkollha l-għażla li tissospendi l-ħlasijiet interim kollha jew parti minnhom biss f'każ tal-ksur maġġuri ta' proċeduri ta' ġestjoni u kontroll jew irregolaritajiet serji fl-infiq.

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 134 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha ttemm is-sospensjoni tal-ħlasijiet interim kollha jew ta' parti minnhom meta l-Istat Membru jkun ħa l-miżuri meħtieġa li jippermettu t-tneħħija tas-sospensjoni.

imħassar

Or. el

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni għandu jkollha l-għażla li tissospendi l-ħlasijiet interim kollha jew parti minnhom biss f'każ tal-ksur maġġuri ta' proċeduri ta' ġestjoni u kontroll jew irregolaritajiet serji fl-infiq.